# Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)
# Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D

## Rikors Ġuramentat Numru: 151/2024DC

***Josephine sive Joyce Grech (I.D. 775456M)***
***bhala prokuratrici tal-assenti binha***
***Jean Paul Grech (I.D. 26989M)***

***vs***

***Dinah Aquilina (I.D. 337590M)***

Illum, 9 ta'  Mejju, 2024

## Il-Qorti

Rat **ir-rikors ġuramentat** ta' l-attriċi nomine ppreżentat fit-12 ta' Frar 2024, permezz ta' liema ppremetta s-segwenti:-

1. *Illi r-rikorrenti nomine u l-intimata kienu zzewġu ġewwa l-Awstralja nhar it-28 t'Awwissu, 2015, mil-liema żwieġ kellhom żewġt itfal, ossija Denzel Grech li twieled f'Malta nhar 1-10 t'April, 2012 u Xyzel Grech li twieldet Malta nhar it-23 t'Ottubru, 2014.*
2. *Illi l-kontendenti sseparaw fl-1 ta' Diċembru, 2016 u eventwalment ħadu divorzju nhar it-13 ta' Mejju, 2018.*
3. *Illi bis-saħħa ta' sentenza mogħtija fis-17 ta' Gunju, 2020, mill-Family Court of Australia at Brisbane, Queensland, fl-Awstralja, fil-kawża numru (P)BRC1166/2019, gew regolariżżati r-responsabiltajiet tal-*

*partijiet dwar uliedhom, inkluż l-arranġamenti dwar -residenza u aċċess tal-istess ulied (Dok A).*

4. *Illi permezz ta' din is-sentenza ġie ordnat, fost affarijiet oħra, li t-tfal jirrisjedu ommhom Dinah Aquilina li ġiet awtorizzata li tirreloka mat-tfal hawn Malta.*
5. *Illi, fost affarijiet oħra, l-istess sentenza ordnat li ladarba t-tfal ikunu qed rrisjedu Malta, waqt li missierhom rikorrent Jean Paul Grech jirrisjedi l.wstralja, it-tfal għandhom iqattgħu kull ħin raġjonevoli ma' missierhom kif maqbul bejn il-partijiet, u fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet, it-tfal jistgħu jqattgħu sa għaxar (10) gimgħat ma' missierhom matul il-vakanzi skolastiċi Maltin tas-sajf u ċioe bejn Lulju unSettembru, u dan taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-istess sentenza.*
6. *Illi inoltre, fost affarijiet oħra, din is-sentenza awtoriżżat lir-rikorrent nomine li jkollu lit-tfal joqogħdu miegħu għal perjodu ta' wieħed u għoxrin (21) lejl konsekuttivi fi kwalunkwe okkażjoni li huwa jżur Malta, u dan taħt il-kundizzjonijiet stipulati fis-sentenza.*
7. *Illi l-imsemmija sentenza ngħatat minn Qorti kompetenti u saret ġudikat.*
8. *Illi r-rikorrent nomine għandu interess li l-imsemmija sentenza tiġi reża eżegwibbli f'Malta u dan sabiex, fost affarijiet oħra, huwa jkun jista' jgawdi lil uliedu skont l-imsemmija sentenza tal-Family Court ta' Brisbane, fl-Awstralja.*
9. *Illi l-intimata m'hijiex qed tottempera ruħha mat-termini ta' din is-sentenza u qed iċċaħħad lir-rikorrenti nomine mit-tgawdija ta' wliedu.*
10. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

U wara li hekk ippremetta, talab lil din il-Qorti:

1. *Tordna li din il-kawża tinstema' b'urġenza stante li l-esponenti qed jiġi mċaħħad mit-tgawdija ta' wliedu;*
2. *A tenur tal-artikolu 826 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju, 2020, mill-Family Court of Australia at Brisbane, Queensland, fl-Awstralja, fil-kawża numru (P)BRC11166/2019;*
3. *Konsegwentement tordna wkoll li l-intimata għandha tottempera ruħha strettament mat-termini tal-imsemmija sentenza, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda aċċess li r-rikorrenti nomine għandu jgawdi versu wliedu.*
4. *Konsegwentement tistabilixxi wkoll l-arranġamenti prattici biex isseħħ l-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza, b'mod partikolari, iżda mhux limitatament, dawk stipulati fil-paragrafu għaxra (10), ħdax (11) u tmintax (18).*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata.*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta** preżentata fil-15 ta' April 2024 permezz ta' liema eċċepiet:

> *Illi l-intimata esponenti taqbel mas-sekwenza tal-fatti hekk kif esposti mill-attur rikorrent fl-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba, il-ħames, u is-sitt paragrafu tar-rikors ġuramentat tiegħu.*
>
> *Illi l-intimata esponenti ma taqbilx kategorikament mal-konklużjonijiet hekk kif iddikjarati mir-rikorrent fid-disa' paragrafu tar-rikors promotur tiegħu u l-fatt illi r-rikorrent ma huwiex jara lill uliedu huwa unikament attriwibbli għar-rikorrent;*
>
> *Illi r-rikorrent huwa liberu illi jżur liż-żewġ minuri ġewwa l-Gżejjer Maltin, u kienet għażla unikament tiegħu illi jonqos milli jeżerċita dan id-dritt tiegħu, anzi addirittura qiegħed jallega illi ilu jara lil uliedu għal dawn l-aħħar erba' snin minħabba xi kaġun attribwibbli lill-esponenti;*
>
> *Illi għal kuntrarju ta' dak allegat, huwa ir-rikorrent stess li ma huwiex jottempera ruħu mat-termini din is-sentenza u dan kif ser jiġi ampjament muri waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża;*
>
> *Għaldaqstant, l-intimata esponentai qiegħda taqbel mat-talbiet tal-kawża fl-ismijiet premessi sabiex id-decizjoni imsemmija fir-rikors promotur tiġi reża eżegwibbli f Malta.*

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma llum meta l-attriċi nomine rtirat it-tielet u r-raba' talbiet tagħha.

Rat li waqt l-istess udjenza il-partijiet iddikjaraw li qed jirrimettu ruħhom għall-atti u iddikjaraw ukoll li l-Qorti tista' tgħaddi għas-sentenza.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi din hija azzjoni tentata ai termini ta'l-artikolu 826 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din id-dipożizzjoni tipprovdi li

> ................ *is-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi.*

Illi mbaghad skond l-artikolu 827 ta'l-istess Kapitolu 12 sentenzi ta' Qrati esteri m'hħandhomx jiġu eżegwiti f'Malta:-

> *(a) jekk is-sentenza li taghha tintalab l-esekuzzjoni tista' tkun attakkata ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 811;*
> *(b) f'kaz ta' sentenza moghtija fil-kontumacja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaci skond il-ligi barranija;*
> *(c) jekk is-sentenza fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta.*

Illi dwar l-artikolu 826 fuq ċitat u dwar kif għandu jigi applikat, il-Qorti tal-Appell qalet hekk il-Qorti qalet hekk dwar l-inghad hekk :-: "

> *... ... meta ssir talba ghall-esekuzzjoni ta` sentenza ta` qorti estera l-indagini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx tkun koncernata bil-mertu tal-proceduri quddiem il-qorti estera li wassal ghal dik is-sentenza ghax altrimenti l-qorti li tkun giet mitluba li taghti esekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kienux intizi bid-dispost tal-Artikolu 826 et sequitur tal-Kap. 12. F`dawn ic-cirkostanzi kull ma hu rikjest mill-Qorti ta` Malta hu li tassigura li dik is-sentenza ma tkunx, (a) tista` tigi attakkata ghal xi raguni li, skond il-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, taghti lok ghar-ritrattazzjoni a tenur tal-Artkolu 811 tal-Kap 12, (b) li f`kaz ta` sentenza moghtija fil-kontumacja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaci skond il-ligi barranija, u (c) li dik is-sentenza ma jkunx fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta` Malta*[1]

Illi aktar minn hekk il-Qorti ta'l-Appell esprimiet ruħha ukoll fis-sens li l-eċċezzjonijiet imsemmija f'l-artikolu 827 għar-rikonoxximent u konsegwenti ezekuzzjoni ta'sentenza estera, m'għandomx jitqajjmu *ex officio* imma l-Qorti għandha tevalwa r-rekwiżieti elenkati f'l-artikolu 827 biss jekk titqajjem xi eċċezzjoni f'dak is-sens mill-partijiet.

> *Din il-Qorti ma tahsibx li, ghall-fini ta' l-artikolu 826, Qorti mitluba tesegwixxi sentenza estera, ghandha tissolleva sua sponte difiza fit-termini ta' l-Artikolu 827, ghax mhux xoghol il-Qorti li tinvestiga hi jekk hemmx xi ostakolu ghall-infurzar tas-sentenza estera*[2]

Ikkunsidrat

---

[1] Ref Schoeller International Gmbh vs Ellul et deċiżż f'l-10 ta' Mejju 2005.
[2] Ref Avv Dr Christian Farrugia noe vs Peter Blond International Ltd deċiża 31 ta' Ottubru 2008.

Illi mill-atti proċesswali jidher li permezz ta' sentenza datata s-17 ta' Ġunju 2020 mgħotija mill-Family Court of Australia at Bisbaine, Queensland f'l-Awstralja ġew regolariżżati r-responsabbiltajiet tal-partijiet fir-rigward ta' uliedhom minuri.

Illi fil-kaz in eżami mhux biss ma tqajjment l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija f'l-artikolu 827 imma l-intimata, għalkemm tikkontesta l-allegazzjoni li hija mhux qed tottempera ruħha mas-sentenza imsemmija, taqbel li għandha tigi ordnata l-eżekuzzjon tas-sentenza.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li t-tieni talba ta'l-attriċi nomine għandha tiġi milqugħa.

Illi dwar l-ewwel talba l-Qorti tqis li f'dan l-istadju m'hemmx lok għal deċizjoni dwar smigħ b'l-urgenza stante li l-kawża qed tigi deċiża llum u ċioe f'l-istess jum li fih inżamm l-ewwel smigħ wara l-preżentata tar-risposta ġuramentata.

Għal dawn il-motivi fil-waqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta'l-ewwel talba ta'l-attriċi nomine, fil-waqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ukoll tat-tielet u r-raba talbiet attriċi stante li dawn ġew irtirati, tilqa t-tieni talba u konsegwentement tordna 1-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju, 2020, mill-Family Court of Australia at Brisbane, Queensland, fl-Awstralja, fil-kawża numru (P)BRC11166/2019.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**